**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur P Micallef Grimaud/ Sharon Tanti)

**vs**

**Khalid Ali Alamin**

**Walid Ali Said**

**Morad Mohamed Ali Azaidi**

Illum 19 ta` April 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

1. **Khalid Ali Alamin**, ta` 27 sena, bin ali u Hnija, imwieled tripoli fit-22 ta` Dicembru 1971 u joqghod iz-Zurrieq, u li ghandu passaport bin-numru 024113-98;

2. **Walid Ali Said**, ta` 24 sena, bin Said u Aisha, imwieled Tripoli fid-9 ta` Dicembru 1975 u joqghod San Giljan u li ghandu passaport bin-numru 748289-96;

3. **Morad Mohamed Ali Azaida**, ta` 18 il-sena, bin Mohamed u Nagir imwieled Tripoli fis-7 ta` Ottubru 1981 u joqghod iz-Zurrieq u li ghandu passaport bin-numru 849140-91

A. Talli fl-20 ta` Gunju 1999 ghall-habta tas-2.00 am., f`San Giljan, minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, ammew jew issekwestraw lil Vania formosa ta` 17 il-sena, ghamlu offiza fuq il-persuna taghha u heddewha bil-mewt u sabiex bhala mara, igeighluha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

B. Talli Khalid Ali Alamin wahdu fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` Vania formosa ta` 17 il-sena, li waqt l-istess esekuzzjoni tad-delitt, gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

C. Talli Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali` Azaidi, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, b`xi mod li kien, xjentement ghinu jew assistew lill-awtur (Khalid Ali Alamin) tad-delitt,fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat meta Khaled ali alamin ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` Vania Formosa ta` 17 il-sena.

D. Talli Walid Ali Said wahdu fl-istess data, lok u cirkustanzi ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta` Vania Formosa u b`eghmil zieni ikkorrompiha.

E. Talli Khalid Ali Amin u Walid Ali Said fl-istess data, lok u cirkostanzi offendew il-pudur jew il-moral, b`eghmilli sar f`lok pubbliku je f`lok espost ghall-pubbliku.

F. Talli Khalid Ali Amin u Walid Ali Said fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta` natura hafifafuq il-persuna ta` Vania Formosa.

G. Talli Walid Ali Said fl-20 ta` Gunju 1999 u x-xhur ta` qabel nizel jew kien f`Malta minghajr awtorizazzjoni tal-Ufficcjal tal-Immigrazzjoni.

H. Talli Khalid Ali Alamin, Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali Azaidi huma immigranti pprojbiti ai termini tal-artikolu 5 (2)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti

Rat l-atti kollha ;

Rat l-att tar-rinviju mibghut mill-Avukat Generali fit-tmintax il-jum tax-xahar ta` Dicembru tas-sena elfejn fejn;

***Khalid Ali Alamin*** gie akkuzat talli fl-20 ta` Gunju 1999 ghall-habta tas-2.00 am., f`San Giljan, minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, ammew jew issekwestraw lil Vania formosa ta` 17 il-sena, ghamlu offiza fuq il-persuna taghha u heddewha bil-mewt u sabiex bhala mara, igeighluha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Talli Khalid Ali Alamin wahdu fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` Vania formosa ta` 17 il-sena, li waqt l-istess esekuzzjoni tad-delitt, gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Talli Khalid Ali Amin u Walid Ali Said fl-istess data, lok u cirkostanzi offendew il-pudur jew il-moral, b`eghmilli sar f`lok pubbliku je f`lok espost ghall-pubbliku.

Talli Khalid Ali Amin u Walid Ali Said fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta` natura hafifafuq il-persuna ta` Vania Formosa.

Talli Khalid Ali Alamin, Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali Azaidi huma immigranti pprojbiti ai termini tal-artikolu 5 (2)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta.

***Walid Ali Said*** gie akkuzat talli fl-20 ta` Gunju 1999 ghall-habta tas-2.00 am., f`San Giljan, minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, ammew jew issekwestraw lil Vania formosa ta` 17 il-sena, ghamlu offiza fuq il-persuna taghha u heddewha bil-mewt u sabiex bhala mara, igeighluha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Talli Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali` Azaidi, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, b`xi mod li kien, xjentement ghinu jew assistew lill-awtur (Khalid Ali Alamin) tad-delitt,fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat meta Khaled ali alamin ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` Vania Formosa ta` 17 il-sena.

Talli Walid Ali Said wahdu fl-istess data, lok u cirkustanzi ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta` Vania Formosa u b`eghmil zieni ikkorrompiha.

Talli Khalid Ali Amin u Walid Ali Said fl-istess data, lok u cirkostanzi offendew il-pudur jew il-moral, b`eghmilli sar f`lok pubbliku je f`lok espost ghall-pubbliku.

Talli Khalid Ali Amin u Walid Ali Said fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta` natura hafifafuq il-persuna ta` Vania Formosa.

Talli Walid Ali Said fl-20 ta` Gunju 1999 u x-xhur ta` qabel nizel jew kien f`Malta minghajr awtorizazzjoni tal-Ufficcjal tal-Immigrazzjoni.

Talli Khalid Ali Alamin, Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali Azaidi huma immigranti pprojbiti ai termini tal-artikolu 5 (2)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta.

***Morad Mohammed Ali Aziadi*** talli fl-20 ta` Gunju 1999 ghall-habta tas-2.00 am., f`San Giljan, minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, ammew jew issekwestraw lil Vania formosa ta` 17 il-sena, ghamlu offiza fuq il-persuna taghha u heddewha bil-mewt u sabiex bhala mara, igeighluha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Talli Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali` Azaidi, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, b`xi mod li kien, xjentement ghinu jew assistew lill-awtur (Khalid Ali Alamin) tad-delitt,fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat meta Khaled ali alamin ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta` Vania Formosa ta` 17 il-sena.

Talli Khalid Ali Alamin, Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali Azaidi huma immigranti pprojbiti ai termini tal-artikolu 5 (2)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li fis-seduta tas-26 ta` Dicembru 2000 l-akkuzati iddikjaraw li m`ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat mill-istess Qorti bi procedura sommarja.

Semghet il-Proskuzzjoni u d-difiza.

Ikkunsidrat:

**1.** Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u l-imgieba ta` kif xehdu temmen dak li stqarru. Dawn gew prodotti mill-prosekuzzjoni. M`ghandhiex l-icken dubbju li dak li qalu Vania Formosa u Fondu Konteh huwa dak li gara.

**2.** Is-Sibt 19 ta` gunju 1999 Vania Formosa, li dak iz-zmien kellha sbatax il-sena, harget mal-habib taghha Fondu Konteh ghall-habta tal-11.00 pm., u marru f`Bar maghruf bhala 'Havana'. Hemmhekk kien hemm ukoll il-habiba ta` Vania ix-xhud Harrington li l-Qorti temmen li din ix-xhud qalet is-sewwa u mhux qed taccetta l-verzjoni tad-difiza. Ghall-habta tas-1.30 a.m., tal-Hadd 20 ta` Gunju 1999, Formosa u Konteh nizlu minn Triq il-Wilga, nizlu hdejn il-bahar, jigifieri il-bajja ta` San Giljan, ftit il-boghod mill-Lukanda Hilton li kienet ghadha fi stat ta` kostruzzjoni.

**3.** Formosa u Konteh bdew jinnamraw u kellhom x`jaqsmu flimkien mhux kompletament. Ghall-habta tas-2.15 a.m., gew fuqhom irgiel ta` nazzjonalita` barranija, li

mill-inqas kienu seba`. L-akkuzat Walid Ali Said qabad gebla u biha laqghat lil Konteh. L-akkuzat Khalid Ali Alamin ipprova jigbed lura lil Walid Ali Said, u l-istess Alamin qabad id Formosa waqt li l-ohrajn bdew iffitxu fil-baskett ta` Formosa. L-akkuzat Walid Ali Said beda jmiss lil Formosa (fol.68). F`xi hin tlieta mis-seba` telqu. Konteh mar fittex l-ghajnuna. It-tlieta mill-erba` li baqghu fuq il-post huma l-akkuzati. Ir-raba` wiehed ma nstabx.

**4.** L-akkuzati zammew, flimkien mal-persuna l-ohra fuq il-post, lil Vania Formosa. Din ippruvat tahrab izda fi kliema, "l-iswed (iddentifikat minnha quddiem il-pulizija u quddiem il-Qorti, bhala Khalid Ali Alamin) gera warajja u qabadni minn ghonqi u beda jghidli bi rabja u jghidli ma nghajjatx" (fol. 68).

**5.** X`gara wara jinsab bid-dettal f`dak li stqarriet Formosa bil-gurament quddiem Dottoressa Yana Micallef Stafrace u ikkonfermat quddiem il-Qorti.

**6.** Mexxa kollox l-akkuzat Khalid Ali Alamin. Warajh kien hemm l-akkuzati l-ohra u persuna ohra. Mexxa lit-tfajla sa fejn ried b`mod kiefer u qabadha minn ghonqa, ghalqilha n-nifs u hasbet li kienet se tmut. Tilfet in-nuccali tal-vista u zarbuna. Waqfet fejn kamra fejn qed tinbena il-Hilton u Formosa tilfet iz-zarbuna l-ohra. Khalid ali Alamin ried ikollu x`jaqsam maghha u l-ohrajn qaghdu fuq barra ghassa. Intebhu li l-pulizija, li mix-

xhieda jirrizulta li kienu gemgha mhux hazin, minhabba li t-tfajla kienet ghebet, kienu fil-qrib, u l-erba` li huma dahhlu t-tfajla fil-kumpless tal-Lukanda Hilton u l-imsemmi Khalid Ali Alamin stupra b`mod vjolenti lil Formosa.

**7.** Wara l-akkuzat Walid Ali Said beda jmiss lil Formosa. Fil-qrib kienu qed ifittxu lit-tfajla l-pulizija. Issuktaw jaharbu u jiehdu t-tfajla maghhom sakemm fl-ahhar waslet il-pulizija u l-erba` minn nies harbu.

**8.** Illi irrizultat li nstabet sperma fil-vagina ta` Formosa imma fuqha ma sarx ezami tad-demm u ghalhekk hija inkonkluziva.

**9.** Illi fil-konfront tal-akkuzat ***Khalid Ali Alamin*** jirrizulta li hu ssekwestra lil Vania Formosa ta` sbaghtax il-sena, hedda bil-mewt biex tigi imgeghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha u bi vjolenza ikkommetta stupru fuqha f`lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku u ikkagunalha griehi ta` natura hafifa u hekk huwa immigrant ipprojbit. L-imgieba tal-akkuzat fil-konfront ta` Formosa kif tirrizulta mix-xhieda, hi ta` sura gravi.

Il-Qorti issibu hati:

Rat l-Artikoli 86, 87 (c)(g) tal-Kodici Kriminali, 198 tal-Kodici Kriminali, 209 tal-Kodici Kriminali, 221 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 5 (2)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta. Rat ukoll l-Artikolu17 tal-Kodici Kriminali, **tikkundannah disa` (9) snin prigunerija** minn liema prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv.

**10.** Illi fil-konfront ta` ***Walid Ali Said,*** l-akkuzat l-iehor, jirrizulta li hu ssekwestra lil Vania Formosa ta` sbaghtax il-sena, kien komplici fl-istupru mwettaq minn Khalid Ali Alamin, wettaq wahdu ghemil zieni fuq il-persuna taghha u ghamel attentat vjolenti ghall-pudur f`lok pubbliku jew f`dak espost ghall-pubbliku, ikkaguna offiza fuq il-persuna tal-imsemmija Formosa u hekk hu immigrant ipprojbit.

Il-Qorti issibu hati:

Rat l-Artikoli 86,87 (c)(g) tal-Kodici Kriminali; rat l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 207 u 203 tal-istess Kodici, kif ukoll l-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali u 221 tal-Kodici Kriminali. **tikkundannah tmin (8) snin prigunerija** minn liema prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati kien ghamel taht arrest preventiv.

**11.** Illi fil-konfront ta` ***Morad Mohammed Ali Azjadi***, jirrizulta li hu ssekwestra lil Vania Formosa ta` sbaghtax il-sena, kien komplici fl-istupru mwettaq minn Khalid Ali Alamin u hekk ukoll hu immigrant ipprojbit.

Il-Qorti issibu hati;

Rat l-Artikoli 86, 87 (c)(g), tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 42 u 198 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 5 (2)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, **tikkundannah hames (5) snin prigunerija** minn liema prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel that arrest preventiv.

Fl-ahar nett ma ssibx lill-imputati hatja li dahlu Malta minghajr permess jew baqghu Malta izjed milli suppost, kif jidher car mill-passaporti tal-akkuzati.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-Artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217, tilqa` l-istess u **tordna l-hrug ta` ordni ta` tnehhija** kontra l-hatja hekk kif kull wiehed minnhom ikun skonta l-piena tieghu.

Il-Qorti tordna d-divjett tal-publikazzjoni, fuq kull sura ta` media, ta` isem il-vittma.

Vera kopja Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.